KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
GIOVANNI PITRUZZELLA
ippreżentati fil-5 ta' Marzu 2019 [1]

Kawża C-123/18 P

Hanseatic Trade Trust & Shipping (HTTS) GmbH
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Appell – Rikors għad-danni – Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran – Kumpens għad-dannu allegatament sostnut mill-appellanti wara l-inklużjoni ta' isimha fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Kunċett ta' 'ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni' – Obbligu ta' motivazzjoni – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva"

1. L-appellanti, HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (iktar 'il quddiem "HTTS") titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tat-13 ta' Diċembru 2017, HTTS vs Il-Kunsill [2], li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors tagħha sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, billi HTTS allegat li sofriet dannu minħabba l-azzjoni ħatja tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea wara l-inklużjoni ta' isimha, minn naħa, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2010 tas-26 ta' Lulju 2010 li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [3], fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [4], u, min-naħa l-oħra, fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament Nru 423/2007 [5], fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010 (iktar 'il quddiem il-"miżuri kontenzjużi").

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2. Mill-punti 1 *et seq*. tas-sentenza appellata jirriżulta li HTTS hija kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż stabbilita f'Marzu 2009 u mmexxija minn N. Bateni, li teżerċita attivitajiet ta' aġent marittimu u ta' amministratur tekniku ta' bastimenti. Din il-kawża ġiet ippreżentata fil-kuntest tas-sistema ta' miżuri restrittivi meħuda sabiex issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex dan l-Istat itemm l-attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari. Iktar preċiżament, hija parti minn kawżi dwar miżuri meħuda kontra kumpannija marittima, Islamic Republic of Iran Shipping Lines (iktar 'il quddiem "IRISL"), kif ukoll kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi allegatament marbuta ma' din il-kumpannija, li fosthom kien hemm, b'mod partikolari, skont il-Kunsill, HTTS u żewġ kumpanniji marittimi oħra, Hafize Darya Shipping Lines (iktar 'il quddiem "HDSL") u Safiran Pyam Darya Shipping Lines (iktar 'il quddiem "SAPID").

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 T-692/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2017:890.

3 ĠU 2010, L 195, p. 25.

4 ĠU 2007, L 103, p. 1.

5 ĠU 2010, L 281, p. 1.

3. L-inklużjoni inizjali ta' isem HTTS fil-listi seħħet fis-26 ta' Lulju 2010, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010, minħabba li hija kienet "[t]aġixxi f'isem HDSL fl-Ewropa". Ma sarx rikors għal annullament kontra din l-inklużjoni. L-inklużjoni ta' isem HTTS mir-Regolament Nru 961/2010 għar-raġuni li hija "[kienet] ikkontrollata u/jew taġixxi f'isem IRISL", min-naħa l-oħra, ġiet ikkontestata minn din tal-aħħar u annullata mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2011, HTTS vs Il-Kunsill [6], il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament Nru 961/2010, sa fejn kien jikkonċerna lill-appellanti, b'effett mis-7 ta' Frar 2012, bil-għan li tippermetti lill-Kunsill eventwalment jirregolarizza, fil-frattemp, il-motivazzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid ta' isimha.

4. Wara li ngħatat din is-sentenza, isem HTTS kien is-suġġett ta' inklużjonijiet ulterjuri min-naħa tal-Kunsill, ikkontestati kull darba minn din tal-aħħar u mbagħad ukoll annullati, kull darba, mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2013, HTTS vs Il-Kunsill [7] u tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS u Bateni vs Il-Kunsill [8].

5. Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Settembru 2013, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill [9], il-Qorti Ġenerali annullat ukoll l-inklużjoni ta' isem IRISL u ta' kumpanniji marittimi oħra, fosthom HDSL u SAPID, fil-listi li jikkonċernawhom, għar-raġuni li l-elementi mressqa mill-Kunsill ma kinux jiġġustifikaw l-inklużjoni ta' isem IRISL u, konsegwentement, lanqas ma setgħu jiġġustifikaw l-adozzjoni u ż-żamma ta' miżuri restrittivi li jirrigwardaw il-kumpanniji marittimi l-oħra li kienu ġew inklużi fil-listi minħabba r-rabtiet tagħhom ma' IRISL.

6. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Lulju 2015, l-appellanti indirizzat lill-Kunsill talba għal kumpens għad-dannu li hija kienet tqis li sostniet minħabba l-inklużjoni inizjali u l-inklużjonijiet sussegwenti ta' isimha fil-listi tal-persuni marbuta mal-attività ta' IRISL. F'din it-talba għal kumpens, l-appellanti invokat id-dritt tagħha għal kumpens għad-danni materjali u immaterjali li hija qieset li ġarrbet mhux biss minħabba l-inklużjonijiet deċiżi bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 u bir-Regolament Nru 961/2010, iżda wkoll minħabba l-inklużjonijiet u reinklużjonijiet sussegwenti. Permezz ta' ittra tas-16 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill ċaħad din it-talba.

II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7. Permezz ta' att imressaq fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Novembru 2015, HTTS ippreżentat rikors ibbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiż għal kumpens tad-dannu allegatament sostnut wara l-inklużjoni tagħha fl-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010.

8. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq il-mertu, mingħajr ma ħadet pożizzjoni dwar l-invokazzjoni, fil-kontroreplika tal-Kunsill, tal-inammissibbiltà tar-rikors, minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst mill-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja [10].

9. F'dak li jirrigwarda l-mertu, il-Qorti Ġenerali ppreċediet l-analiżi tagħha b'osservazzjonijiet preliminari dwar il-kriterji ġurisprudenzjali ta' evalwazzjoni tal-illegalità fil-kuntest ta' talba għad-danni. Hija mbagħad ċaħdet suċċessivament iż-żewġ motivi mressqa minn HTTS sabiex turi l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-motiv ibbażat fuq ksur

6 T-562/10, EU:T:2011:716.

7 T-128/12 u T-182/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:312.

8 T-45/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:650.

9 T-489/10, EU:T:2013:453.

10 Ara l-punti 21 sa 26 tas-sentenza appellata. Ara wkoll il-punt 92 tas-sentenza msemmija.

tal-kundizzjonijiet materjali ta' inklużjoni fil-listi u l-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Filwaqt li ċaħdet dawn iż-żewġ motivi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma kienx hemm ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk ċaħdet ir-rikors mingħajr ma eżaminat jekk il-kundizzjonijiet l-oħra tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni kinux issodisfatti.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

10. Fit-13 ta' Frar 2018, HTTS ippreżentat appell mis-sentenza kkontestata. Fit-talbiet tagħha, hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata; tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas ta' kumpens ta' ammont ta' EUR 2 516 221.50 bħala kumpens għad-dannu materjali u morali u għall-ħlas ta' interessi moratorji bir-rata ta' interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti, li jibdew jiddekorru mis-17 ta' Ottubru 2015 u sal-ħlas sħiħ tal-kumpens; tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

11. Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell; sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha; b'mod iktar sussidjarju, tiċħad ir-rikors; tikkundanna lil HTTS għall-ispejjeż kollha tal-proċedura.

12. Il-Kummissjoni Ewropea, parti intervenjenti insostenn tal-Kunsill matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, titlob li l-appell jiġi miċħud fl-intier tiegħu; sussidjarjament, tiċħad ir-rikors; tikkundanna lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż.

13. HTTS, il-Kunsill u l-Kummissjoni nstemgħu fit-trattazzjoni tagħhom fis-seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Novembru 2018.

IV. L-analiżi ġuridika

14. Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka erba' aggravji. F'konformità mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu ffokati fuq l-ewwel aggravju.

A. Fuq l-ewwel aggravju

1. Sunt tal-argumenti tal-partijiet

15. HTTS targumenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 49 *et seq*. tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi meta ħadet inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, informazzjoni u elementi li l-Kunsill ma kellux fid-data tal-adozzjoni tal-aġir kontenzjuż u invokati mill-Kunsill *a posteriori*, diversi snin wara l-imsemmi aġir. HTTS issostni li l-Qorti Ġenerali ma tistax tqiegħed lilha nfisha f'data sussegwenti għal dik tal-adozzjoni tal-miżuri kkontestati biex tevalwa l-eżistenza tal-imsemmi ksur. Fil-fehma tagħha, il-bidliet suċċessivi jew l-informazzjoni jew il-provi ġodda li attwalment ma wasslux għall-adozzjoni tal-miżuri kontenzjużi ma jistgħux jiġġustifikaw *a posteriori* l-aġir tal-Kunsill. HTTS issostni wkoll li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonkludi mir-regola li tistabbilixxi t-terminu li fih għandu jiġi ppreżentat rikors għad-danni li l-aġir tal-istituzzjoni kellu jiġi analizzat fid-dawl tal-avvenimenti li eventwalment seħħew matul il-perijodu li ddekorra bejn dan l-aġir u l-introduzzjoni tar-rikors. Hija żżid li n-natura speċifika tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) ma tistax twassal għal esklużjoni ta' kull responsabbiltà tal-Kunsill f'każ ta' ksur gravi u manifest tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-istat tad-dritt għandu jipprevali wkoll fl-adozzjoni ta' miżuri restrittivi. Sabiex tikkonkludi dwar l-ineżistenza ta' ksur manifestament serju tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali lanqas ma tista' tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-annullament tar-Regolament Nru 961/2010 mogħti mill-Qorti Ġenerali ma kienx akkumpanjat minn effetti immedjati u dan, iktar u iktar minħabba li l-miżuri adottati mill-Kunsill wara dan l-annullament kienu, huma wkoll, instabu

li huma illegali. Mis-sentenza Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill[11] jirriżulta li l-ksur, mill-Kunsill, tal-obbligu tiegħu li jipprovdi l-informazzjoni dwar id-deċiżjoni ta' inklużjoni jew il-provi li jsostnu l-motivi tal-miżuri restrittivi jikkostitwixxi, fih innifsu, ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt li hu ma jistax jirrimedja diversi snin wara. HTTS issostni li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll dikjarazzjonijiet tal-Kunsill fil-kuntest tal-Kawżi T–128/12 u T–182/12[12] li minnhom jirriżulta li fil-bidu tal-2012, dan ma kellux l-informazzjoni meħtieġa għall-inklużjoni. Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni r-raġunijiet u l-provi invokati mill-Kunsill għad-difiża tiegħu fil-kuntest tar-rikors għad-danni ppreżentat quddiemha.

16. Essenzjalment, il-Kunsill isostni, min-naħa tiegħu, li l-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tiddeċiedi li l-Kunsill seta' jinvoka elementi li seħħew wara l-aġir ikkritikat u qabel il-preżentata tar-rikors. Dan ma jfissirx li l-Kunsill jitħalla jeżonera ruħu *a posteriori* mir-responsabbiltà possibbli tiegħu, iżda li jitħalla jikkontesta l-kwalifika tal-illegalità mwettqa bħala ksur suffiċjentement serju li jista' jagħti d-dritt għal kumpens. Mill-analiżi tal-Qorti Ġenerali ma jirriżultax li huwa impossibbli li titfittex ir-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta jaġixxu fil-qasam tal-PESK. Kwalunkwe illegalità kkonstatata mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' rikors għal annullament ma hijiex biżżejjed sabiex tikkostitwixxi ksur manifestament serju tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' rikors għad-danni, u l-Qorti Ġenerali setgħet tieħu inkunsiderazzjoni, meta stabbiliet l-eżistenza ta' tali ksur, iċ-ċirkustanzi partikolari li dawn il-miżuri ttieħdu biex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet tal-PESK. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li, minkejja li kkonstatat l-illegalità tal-miżuri restrittivi fuq l-appellanti fil-kuntest tal-Kawża T-562/10[13] minħabba ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, ma kienx eskluż li tali miżuri setgħu jkunu ġġustifikati f'dan il-każ billi jiġi deċiż li jiġu posposti l-effetti *ratione temporis* tal-annullament sabiex tippermetti lill-Kunsill, fejn ikun xieraq, jadotta miżuri restrittivi ġodda legali kontra HTTS. Fir-rigward tan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni, fis-sentenza appellata, tal-ġurisprudenza Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, iż-żewġ każijiet ma humiex paragunabbli, peress li l-ġurisprudenza msemmija tirrigwarda in-nuqqas ta' elementi materjali, filwaqt li, f'din il-kawża, qegħdin jiġu diskussi l-eżerċizzju u l-portata tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill. Fi kwalunkwe każ, mis-sentenza Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill[14] jirriżulta li r-regola ta' dritt li trid tkun ġiet manifestament miksura toffri protezzjoni biss fil-każ fejn il-kundizzjonijiet materjali għall-applikazzjoni tagħha ma jkunux issodisfatti. Dment li kienu jeżistu indizji suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li dawn il-kundizzjonijiet materjali kienu ssodisfatti, il-prinċipju ta' protezzjoni tad-drittijiet individwali ma japplikax. Ir-rispett tal-kriterji materjali jista' għalhekk jiġi stabbilit biss wara l-adozzjoni tal-att legali kkonċernat. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-modalitajiet ta' implementazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni huma bbażati fuq bilanċ bejn il-protezzjoni tal-interess tal-persuna leża u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet. Issa, ma huwiex ġustifikat li jiġi pprovdut rimedju lil persuna li l-fatti tagħha żvelati wara l-adozzjoni ta' atti – meqjusa ċertament illegali – ikkonfermaw l-aġir ikkontestat tagħha qabel l-imsemmija adozzjoni. Il-fatti juru r-rabtiet bejn HTTS u HDSL u SAPID u IRISL. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi konkluż li kien hemm ksur serju tad-dritt tal-Unjoni mill-Kunsill għar-raġuni biss li dan tal-aħħar kien għad ma għandux biżżejjed provi. Il-Kunsill jitlob għalhekk li l-ewwel aggravju jiġi miċħud.

17. Il-Kummissjoni taqbel, sostanzjalment, mal-argument tal-Kunsill.

11 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017 (C-45/15 P, EU:C:2017:402).

12 Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2013, HTTS vs Il-Kunsill (T-128/12 u T-182/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:312).

13 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2011, HTTS vs Il-Kunsill (T-562/10, EU:T:2011:716).

14 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017 (C-45/15 P, EU:C:2017:402).

2. Analiżi

18. Il-possibbiltà li għandhom il-partijiet fil-kawża li jfittxu, quddiem il-qrati tal-Unjoni, l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ġejja mill-idea tal-Unjoni tad-dritt u tikkostitwixxi l-aħħar pass tal-protezzjoni tal-partijiet fil-kawża kontra l-aġir ħati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta jkunu kkawżaw dannu [15]. Unjoni tad-dritt żviluppata kompletament teħtieġ li, meta l-Kunsill jaġixxi fil-qasam tal-PESK imbagħad jadotta miżuri restrittivi, ma jkunx immuni għall-possibbiltà li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tiegħu.

19. Fis-sentenza tagħha Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill [16], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-kundizzjonijiet sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. L-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet – u l-unika waħda diskussa f'dan l-appell – hija l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt legali li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi [17]. Tali ksur "jiġi stabbilit meta dan jimplika nuqqas *manifest u gravi* mill-istituzzjoni kkonċernata tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha, fejn l-elementi li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward huma, b'mod partikolari, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tad-dispożizzjoni li tinkiser kif ukoll il-livell tal-marġni ta' diskrezzjoni li d-dispożizzjoni li tinkiser tħalli lill-awtorità tal-Unjoni" [18]. Ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa "fi kwalunkwe każ, manifestament serju meta jibqa' jeżisti minkejja li tkun ingħatat sentenza li tikkonstata n-nuqqas ikkritikat, sentenza preliminari jew ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam, li minnhom jirriżulta li l-aġir inkwistjoni jikkostitwixxi ksur" [19].

20. Minn dan ir-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju jirriżulta li mhux kull aġir illegali ta' istituzzjoni tal-Unjoni jagħti neċessarjament dritt għal kumpens. Fil-fatt, kif jenfasizza l-Kunsill, mill-ġurisprudenza klassika tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ifformulata, jirriżulta bilanċ bejn l-interessi tal-individwi li jiġu protetti kontra l-aġir illegali serju tal-istituzzjonijiet u l-marġni ta' manuvra meħtieġ li għandu jiġi rikonoxxut lil dawn tal-aħħar sabiex ma tiġix pparalizzata l-azzjoni tagħhom.

21. Dan l-aħħar rekwiżit huwa partikolarment minnu fil-qasam tal-PESK inġenerali u tal-miżuri restrittivi b'mod partikolari, fejn l-azzjoni tal-istituzzjonijiet hija ġeneralment ikkaratterizzata mill-ħtieġa li jaġixxu malajr fuq il-bażi ta' informazzjoni parzjali u li ħafna drabi ma tkunx disponibbli direttament għall-Kunsill. Id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom il-Kunsill f'termini ta' disponibbiltà tal-informazzjoni u tal-provi neċessarjament jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju li jrid jagħmel kumplessa u diffiċli. L-istabbiliment possibbli ta' responsabbiltà tal-Unjoni minħabba l-aġir tal-Kunsill waqt l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi ma għandux għalhekk jikkompromett i l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiż-żamma tal-ordni globali.

22. Jidher madankollu li tali riskju ta' kompromess huwa eskluż. Minn naħa, it-tliet kundizzjonijiet [20] li għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv sabiex dritt għal kumpens jiġi rikonoxxut, huma partikolarment eżiġenti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet il-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet li jridu jiġu rregolati sabiex tevalwa jekk il-ksur tad-dritt tal-Unjoni allegat kienx suffiċjentement serju [21].

15 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 35).

16 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017 (C-45/15 P, EU:C:2017:402).

17 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 29).

18 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjuda minni.

19 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 *Pro memoria*, l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt tal-Unjoni li tagħti drittijiet lill-individwi, l-eżistenza ta' dannu u ta' rabta kawżali diretta bejn l-imsemmi ksur u d-dannu: ara l-punt 29 tas-sentenza appellata. Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, EU:C:2000:361, punti 41 u 42).

21 Ara, inter alia, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, EU:C:2000:361, punt 40), tad-19 ta' April 2007, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni (C-282/05 P, EU:C:2007:226, punt 47) kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Schneider Electric (C-440/07 P, EU:C:2009:459, punt 160).

23. Barra minn hekk, mis-sentenza Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill [22] jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet applikat il-kundizzjonijiet tradizzjonali dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari fl-Iran u ma żiditx ir-rekwiżiti tagħha meta qieset il-qasam ta' azzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata.

24. Għandu jiġi kkonstatat qabel kollox li mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali, meta evalwat jekk kienx hemm ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, eżaminat jekk il-ksur allegat tal-Kunsill kienx twettaq mhux biss b'mod manifest u serju, kif tippreskrivi l-ġurisprudenza stabbilita sew, imma b'mod "flagranti u mhux skużabbli", b'riferiment għal ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li l-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn naf jien, qatt ma kkonfermat [23]. Madankollu, l-applikazzjoni ta' test imsaħħaħ fil-preżenza ta' miżuri restrittivi ma ssib l-ebda bażi fil-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif indikajt hawn fuq. Barra minn hekk, għalkemm kif tfakkar il-Qorti Ġenerali, "l-għan iktar wiesa' taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali […] huwa ta' natura li jiġġustifika konsegwenzi negattivi, anki kunsiderevoli, li jirriżultaw, għal ċerti operaturi ekonomiċi, mid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-atti adottati mill-Unjoni sabiex jitwettaq dan l-għan fundamentali" [24], dawn il-konsegwenzi huma ġġustifikati biss meta dawn ikunu r-riżultat ta' azzjoni legali tal-Unjoni [25]. Għaldaqstant, niddubita li xi tagħlimiet jistgħu jiġu misluta minn din il-konstatazzjoni, meta jrid jiġi deċiż jekk hemmx ksur suffiċjentement serju jew le tad-dritt tal-Unjoni.

25. Għalkemm il-ġurisprudenza klassika teħtieġ li jiġi evalwat jekk l-imġiba allegata tikkostitwixxix "ksur manifest u gravi", il-Qorti Ġenerali għaldaqstant fittxet ksur flagranti u mhux skużabbli. Madankollu, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni li l-Kunsill ma kellux fil-mument tal-adozzjoni tal-miżuri kkontestati huwa wirja tal-konsegwenzi tal-bidla fil-paradigma moħbija f'din il-qabża apparentement biss semantika, peress li din tidher tabilħaqq taqa' taħt il-kontroll tal-iskużabbiltà tal-aġir tal-istituzzjoni kkonċernata. Is-sintomu tal-iżball ta' dritt li, kif se nuri tul dawn il-konklużjonijiet, se jippreġudika, u b'hekk jivvizzja, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali, jinsab għalhekk fl-aċċettazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali tal-kunċett ta' "ksur suffiċjentement serju".

26. Barra minn hekk, il-bażi legali għall-possibbiltà li l-Kunsill jinvoka elementi probatorji sussegwenti għall-att ikkontestat — u b'hekk li jiġi skużat, *a posteriori*, l-aġir ikkritikat — lanqas ma tista' tirriżulta, kif issostni l-Qorti Ġenerali fil-punt 49 tas-sentenza appellata, mill-fatt li, "b'differenza minn rikors għal annullament, ir-rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali jista' jiġi ppreżentat f'terminu ta' ħames snin dekorribbli mill-okkorrenza tal-fatt li jikkawża l-preġudizzju inkwistjoni". Meta affermat li "l-istituzzjoni li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tagħha tkun qiegħda tiġi kkontestata għandha, bħala prinċipju, id-dritt li tinvoka, għad-difiża tagħha, il-provi kollha rilevanti li jkunu seħħew qabel il-preżentata, fit-terminu indikat hawn fuq, tar-rikors għad-danni ppreżentat kontriha, bl-istess mod kif ir-rikorrent ikun jista' juri l-portata u s-sinjifikat tad-dannu tiegħu billi jirrikorri għal elementi probatorji posterjuri għall-okkorrenza tiegħu [26], il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u manifestament ħawdet iż-żewġ temporalitajiet differenti li fihom joqogħdu ż-żewġ kundizzjonijiet ugwalment differenti tal-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Fil-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti għandha tevalwa l-aġir adottat mill-istituzzjoni fil-mument tal-adozzjoni tal-att ikkontestat — f'dan il-każ, deċiżjonijiet individwali li affettwaw lil HTTS b'miżuri restrittivi fl-2010. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qalet xejn differenti fis-sentenza tagħha Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill [27] meta sabet li *"fid-data tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi*, l-obbligu tal-Kunsill li jipproduċi, fil-każ ta' kontestazzjoni, l-informazzjoni jew il-provi li jissostanzjaw il-motivi tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi […] kien diġà

22 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402).

23 Ara l-punt 31 tas-sentenza appellata. Ara wkoll il-punt 46 ta' dik is-sentenza.

24 Punt 45 tas-sentenza appellata.

25 Ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 39).

26 Punt 49 tas-sentenza appellata.

27 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017 (C-45/15 P, EU:C:2017:402).

jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja"[28]. Ksur suffiċjentement serju għandu jinftiehem bħala kunċett statiku f'mument partikolari li huwa dak tal-aġir ikkritikat. Barra minn hekk, dejjem fil-kuntest tal-Kawża C-45/15 P, il-Kunsill deher li kien jikkondividi tali kunċett statiku tal-ksur suffiċjentement serju, peress li sostna li "il-ġurisprudenza li tistabbilixxi li huwa għandu [kellu] l-obbligu jipproduċi, fil-każ ta' kontestazzjoni, informazzjoni jew provi li jissostanzjaw il-motivi tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi […] ma kinitx stabbilita b'mod ċar *fil-mument tal-adozzjoni* tal-ewwel waħda mid-dispożizzjonijiet kontenzjużi"[29]. Għall-kuntrarju, id-dannu, li neċessarjament isegwi[30] l-fatt li kkawżah, jista' jinbidel maż-żmien – bħala regola f'aggravazzjoni – u huwa l-komponent dinamiku tat-triptiku tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Għaldaqstant huwa loġiku li l-parti li tallega li sofriet dannu minħabba azzjoni ta' istituzzjoni għandha tkun tista' tinvoka elementi li seħħew wara li seħħ il-fatt — il-ksur suffiċjentement serju — biex tipprova l-eżistenza tal-imsemmi dannu.

27. Kif diġà indikajt, jiena pjuttost inklinat li naċċetta li l-azzjoni tal-Kunsill hija suġġetta għal restrizzjonijiet speċifiċi, fil-qasam ta' miżuri restrittivi, u li dawn għandhom jiġu debitament ikkunsidrati meta jiġi evalwat jekk ikunx hemm lok li tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Madankollu, mill-proċess ma jirriżultax li l-Kunsill, fil-każ partikolari tal-inklużjoni ta' HTTS permezz tal-miżuri kontenzjużi, sab tali diffikultajiet u huwa, f'kull każ, il-Kunsill li għandu jispjega l-kumplessità tas-sitwazzjoni li kellu jaffaċċja *fil-mument tal-adozzjoni* tal-miżuri restrittivi biex il-qorti tal-Unjoni tkun tista', eventwalment, tikkunsidraha sabiex tiddeċiedi jekk l-aġir jikkostitwixxix ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni[31].

28. Għaldaqstant, il-konklużjoni ġenerali li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali, fil-punt 51 tas-sentenza appellata, li "[i]l-provi prodotti mill-istituzzjoni kkonċernata fil-kuntest ta' rikors għad-danni jitqiesu li huma rilevanti, meta din l-istituzzjoni […] tkun adottat […] l-adozzjoni tal-miżura ta' ffriżar ta' fondi inkwistjoni, ikun jillimita serjament l-eżerċizzju effikaċi tal-kompetenzi li t-Trattati jattribwixxu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK, meta jipprevedu, insostenn tal-implimentazzjoni ta' din il-politika, l-adozzjoni, minnhom, tal-miżuri restrittivi neċessarji" naħseb li, minn tal-inqas, hija allarmanti u ma tistax, fi kwalunkwe każ, teżonera lill-Kunsill mill-invokazzjoni ddettaljata ta' tali riskju.

29. Minn dak li ntqal jirriżulta li, meta l-Qorti Ġenerali kkunsidrat bħala li jikkostitwixxu ksur suffiċjentement serju biss in-nuqqasijiet flagranti u mhux skużabbli u billi eżaminat l-aġir allegat fid-dawl tal-informazzjoni u tal-provi invokati wara l-miżuri kontenzjużi, din żnaturat l-istħarriġ li kellha tagħmel u vvizzjat ir-raġunament tagħha bi żball ta' dritt. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel aggravju għandu jintlaqa'.

30. Nixtieq inżid ukoll xi riflessjonijiet.

31. Jiena nistaqsi sa liema punt, il-Qorti Ġenerali, billi aċċettat li l-Kunsill jista' jinvoka din l-informazzjoni u dawn il-provi wara l-manifestazzjoni tal-aġir allegat, ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni wkoll, mingħajr ma tiġi akkużata bi standards doppji, bħalma ssostni HTTS, l-avvenimenti li affettwaw lil HTTS wara l-2010. Madankollu, f'dan ir-rigward, ninnota li r-Regolament Nru 961/2010 ġie annullat, sa fejn kien jikkonċernaha, mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2011 HTTS vs Il-Kunsill, minħabba ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni[32]. Billi l-Qorti Ġenerali madankollu ma eskludietx li l-inklużjoni setgħet tkun iġġustifikata fuq il-mertu, iddeċidiet li żżomm l-effetti tar-regolament illegali għal xahrejn[33]. Fit-23 ta' Marzu 2012, ir-Regolament (UE)

28 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 40). Korsiv miżjud minni.

29 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 34). Korsiv miżjud minni.

30 Id-dannu jista' wkoll ikun konkomitanti għal meta seħħ il-fatt jew immedjatament sussegwenti, iżda qatt preċedenti.

31 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 41).

32 T-562/10, EU:T:2011:716, punt 39.

33 Ara s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2011, HTTS vs Il-Kunsill (T-562/10, EU:T:2011:716 punti 41 sa 43).

Nru 267/2012[34] ħassar ir-Regolament Nru 961/2010, li fuqu ġiet inkluża mill-ġdid HTTS mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 54/2012[35], iżda żamm l-inklużjoni ta' HTTS għall-istess raġunijiet bħar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 54/2012. Il-Qorti Ġenerali annullat b'effett mit-22 ta' Awwissu 2013 din iż-żamma fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ġunju 2013[36] billi kkundannat in-nuqqas ta' elementi konkreti għad-dispożizzjoni tal-Kunsill u l-iżball manifest ta' evalwazzjoni ta' din l-istituzzjoni. Fil-15 ta' Novembru 2013, il-Kunsill reġa' inkluda lil HTTS billi adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1154/2013[37]. Il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni f'dak li kien jirrigwarda lill-appellanti minħabba nuqqas ta' fondatezza tal-inklużjoni. Meta ġiet biex tiddeċiedi dwar it-talba tal-Kunsill li żżomm l-effetti tal-att annullat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet din it-talba b'mod partikolari minħabba l-fatt li "il-mod li bih il-Kunsill ittratta l-fajls tar-rikorrenti fuq livell amministrattiv huwa [kien] ikkaratterizzat minn nuqqas ta' diliġenza"[38] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li din kienet it-tielet sentenza konsekuttiva ta' annullament fir-rigward ta' HTTS[39]. Din l-aħħar sentenza tmur lura għat-18 ta' Settembru 2015, u l-kawża għad-danni introdotta minn HTTS quddiem il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, iġġib id-data tal-25 ta' Novembru 2015, b'mod li t-tliet sentenzi ta' annullament mogħtija mill-Qorti Ġenerali u l-konstatazzjoni aħħarija tan-nuqqas ta' diliġenza tal-Kunsill setgħu jkunu wkoll provi li jikkonfermaw l-eżistenza ta' ksur manifest u serju tal-Kunsill mill-ewwel inklużjoni permezz tal-miżuri kontenzjużi, kieku l-loġika li l-Qorti Ġenerali segwiet fis-sentenza appellata kellha tiġi applikata wkoll favur l-appellanti.

32. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nammetti li għandi ftit tad-diffikultà sabiex nirrikonċilja r-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punti 46 *et seq*. tas-sentenza appellata — li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tirrikonoxxi lill-Kunsill il-possibbiltà li juża informazzjoni u provi li ma kellux fil-pussess tiegħu fid-data tal-aġir allegat biex jiġġieled l-akkuża ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni — mal-punt 73 tal-istess sentenza — li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-aġir tal-Kunsill wara t-23 ta' Jannar 2012 kien irrilevanti biex jiġi stabbilit jekk il-Kunsill kienx kiser b'mod suffiċjentement serju il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-appellanti minħabba li l-kawża ma kellhiex bħala suġġett it-talba għal kumpens tad-dannu allegatament sostnut minn HTTS minħabba l-inklużjoni tagħha mill-ġdid fil-listi wara s-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2011, HTTS vs Il-Kunsill[40] u tat-12 ta' Ġunju 2013, HTTS vs Il-Kunsill[41], iżda biss il-kumpens għad-danni li hija sofriet bejn is-26 ta' Lulju 2010 u l-23 ta' Jannar 2012.

33. Finalment, naqbel mal-Qorti Ġenerali meta ddikjarat li r-rikors għal annullament u r-rikors għad-danni huma żewġ rimedji awtonomi u l-annullament possibbli ta' att ma jikkostitwixxix il-prova inkonfutabbli ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni[42]. F'dan il-każ speċifiku mressaq għal eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja llum, nistaqsi madankollu jekk l-awtonomija tistax tiġġebbed sal-punt li tibdel *a posteriori* l-konstatazzjoni li wasslet għall-annullament. Fi kliem ieħor, filwaqt li, fil-kuntest tal-Kawża T-562/10, il-Qorti Ġenerali annullat waħda miż-żewġ miżuri kontenzjużi minħabba ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-Kunsill jidher li huwa awtorizzat, fil-kuntest tar-rikors għad-danni, jirrimedja *a posteriori* l-illegalità oriġinali b'tali mod li jinnewtralizza, finalment, l-effetti

34 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012 L 88, p. 1).

35 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012 tat-23 ta' Jannar 2012 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012 L 19, p. 1).

36 Sentenza HTTS vs Il-Kunsill (T-128/12 u T-182/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:312).

37 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1154/2013 tal-15 ta' Novembru 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2013, L 306, p. 3). Ara l-punti 20 *et seq*. tas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS u Bateni vs Il-Kunsill (T-45/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:650).

38 Sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS u Bateni vs Il-Kunsill (T-45/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:650, punt 66).

39 Sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS u Bateni vs Il-Kunsill (T-45/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:650, punt 66). F'din id-data, l-inklużjonijiet ta' IRISL, ta' HDSL u ta' SAPID kienu ġew annullati wkoll: ara l-punt 18 tas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS u Bateni vs Il-Kunsill (T-45/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:650).

40 Sentenza HTTS vs Il-Kunsill (T-562/10, EU:T:2011:716).

41 Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2013, HTTS vs Il-Kunsill (T-128/12 u T-182/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:312).

42 Ara l-punt 48 tas-sentenza appellata.

tal-annullament għal finijiet ta' danni. Ma għadhiex sempliċiment kwistjoni li jiġi vverifikat jekk l-illegalità kkritikata fil-kuntest tar-rikors għal annullament tikkostitwixxix ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, iżda li tinbidel il-konstatazzjoni nnifisha ta' din l-illegalità, li tista' għalhekk "tisparixxi" fil-kuntest tar-rikors għad-danni. Madankollu, għal darb'oħra, fin-nuqqas ta' diffikultajiet serji invokati mill-Kunsill u tar-riskju li jitqajmu dubji dwar l-effettività tal-PESK[43], nistaqsi jekk, fil-qasam ta' miżuri restrittivi, il-fatt li jintbagħat il-messaġġ lill-Kunsill li, ikunu xi jkunu l-kundizzjonijiet tal-azzjoni illegali tiegħu, ser ikun dejjem jista' jiġġustifika *ex post* l-atti tiegħu, ixaqlibx il-miżien wisq favur l-istituzzjoni b'detriment għad-drittijiet tal-partijiet fil-kawża[44] u jkunx ta' natura li jinkoraġġixxi politika ta' inklużjoni preventiva mingħajr raġuni reali jew serja, peress li huwa biss aġir mhux biss *serju* iżda *serju ħafna* li jista' jwassal kemm għall-annullament kif ukoll għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni.

34. Issa ser ngħaddi għall-analiżi tal-aggravji l-oħra tal-appell.

B. Fuq l-aggravji l-oħra tal-appell

35. Kif ħabbart[45], l-analiżi ta' dawn l-aggravji ser tkun iktar rapida, iktar u iktar peress li t-trattament tagħhom jibni fuq l-analiżi tal-ewwel aggravju u fuq l-iżball ta' liġi li ġie identifikat fiha.

1. Fuq it-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi inkwantu l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-evalwazzjoni mill-Kunsill tal-fatt li HTTS kellha titqies li hija kumpannija miżmuma jew ikkontrollata minn IRISL ma kinitx tikkostitwixxi, fi kwalunkwe każ, żball gravi u mhux skużabbli jew żball manifest ta' evalwazzjoni

a) Sunt tal-argumenti tal-partijiet

36. Il-kritika tal-appellanti hija essenzjalment diretta kontra l-punti 56 sa 63 tas-sentenza appellata. Il-Qorti allegatament wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet fil-punt 56 li l-kwalifikazzjoni ta' kumpannija "miżmuma jew ikkontrollata minn entità oħra", li l-applikazzjoni tagħha għaliha kienet is-suġġett tal-miżuri kontenzjużi, kellha tiġi evalwata indipendentement minn kunsiderazzjonijiet dwar is-sjieda. HTTS tilmenta mal-Qorti Ġenerali li kkunsidrat li l-elementi ta' informazzjoni pprovduti *a posteriori* mill-Kunsill kienu rriżultaw li huma indizji suffiċjenti sabiex jitqies bħala probabbli li l-appellanti kienet "ikkontrollata minn u/jew kienet qed taġixxi għan-nom ta' IRISL". HTTS takkuża wkoll lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni żviluppi sussegwenti fil-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari, rigward l-inklużjoni ta' IRISL meta, fl-istess ħin, ibbażat ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Kunsill wara l-miżuri inkwistjoni biex tikkonkludi li ma kienx hemm ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-miżuri kontenzjużi ma jippermettux l-inklużjoni ta' entità li kulma għamlet kien li aġixxiet f'isem IRISL.

37. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill jitlob li t-tieni aggravju jiġi miċħud. HTTS għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-punt 56 tas-sentenza appellata, peress li l-Qorti Ġenerali ma ddikjaratx li r-rabtiet parteċipatorji ma kellhom ebda rwol meta evalwat jekk il-kriterji materjali tal-inklużjoni kinux issodisfatti. F'dak li jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-informazzjoni pprovduta wara l-miżuri kontenzjużi li wassluha biex tikkonkludi li HTTS setgħet probabbilment tiġi

43 Il-Qorti Ġenerali nfisha tidher li ma baqgħetx temmen, fil-każ ta' HTTS, li kienu jeżistu tali diffikultajiet jew riskji: ara s-sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, HTTS u Bateni vs Il-Kunsill (T-45/14, mhux ippubblikata, EU:T:2015:650, punti 63 *et seq.*).

44 Għal finijiet ta' kompletezza, infakkar li, meta tistħarreġ il-legalità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' natura kważi kriminali f'qasam fejn il-qorti tal-Unjoni teżerċita kontroll sħiħ, din il-qorti tista', f'isem ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, tilqa' elementi li ma kinux magħrufa mill-Kummissjoni fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Madankollu, din il-possibbiltà tidher ikkontrollata ħafna u tgħodd biss għall-benefiċċju tal-persuni li għandhom l-intenzjoni li jiddefendu ruħhom kontra l-azzjoni tal-istituzzjoni, u mhux bil-maqlub. Bħala eżempju, ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energia España *et* vs Il-Kummissjoni (C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.

kkunsidrata bħala kkontrollata u/jew li taġixxi f'isem IRISL, il-Kunsill jirreferi għall-pożizzjoni li żviluppa fil-kuntest tal-ewwel aggravju. Barra minn hekk, mill-miżuri kontenzjużi jirriżulta b'mod ċar li l-kriterju ta' inklużjoni kien alternattiv u kien ikopri kemm il-każ ta' entità taħt il-kontroll ta' IRISL kif ukoll il-każ ta' entità li taġixxi f'isem IRISL. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar id-diversi elementi ta' informazzjoni u jsostni li huwa mingħajr żball ta' liġi li setgħet tikkonkludi li ma kienx hemmx ksur suffiċjentement serju minħabba l-fatt li kien probabbli, fid-dawl tal-imsemmija elementi, li HTTS kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-miżuri inkwistjoni biex tiġi inkluża.

38. Il-Kummissjoni taqbel, essenzjalment, mal-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali u tqis inammissibbli l-argument ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-fatti evalwati mill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonkludi li l-appellanti setgħet tiġi kkunsidrata li tissodisfa l-kriterju ta' inklużjoni tal-miżuri kkontestati sa fejn HTTS ma tallega l-ebda żnaturament tal-fatti u l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell tradizzjonalment huwa tradizzjonalment limitat għall-kwistjonijiet tad-dritt.

b) Analiżi

39. L-ewwel nett, il-kritika li saret kontra l-punt 56 tas-sentenza appellata għandha tiġi miċħuda, peress li l-appellanti interpretat l-imsemmi punt b'mod żbaljat, kif isostni l-Kunsill. Il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball fid-dritt meta ddeċidiet li kumpannija tista' tiġi kkwalifikata bħala "miżmuma jew ikkontrollata minn entità oħra" meta din tal-aħħar tkun f'sitwazzjoni fejn hija tista' tinfluwenza l-għażliet kummerċjali tal-kumpannija kkonċernata, anki fl-assenza ta' kull rabta ġuridika tal-proprjetà. Dan ma jfissirx li ma tingħata ebda kunsiderazzjoni għal kwalunkwe rabta ta' proprjetà, iżda sempliċement li l-assenza ta' kwalunkwe rabta ta' proprjetà ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li l-kriterju ma huwiex issodisfatt, u dan iktar u iktar peress li dan il-kriterju ġie fformulat b'mod ċar b'mod alternattiv u kien jirreferi kemm għal sitwazzjoni ta' detenzjoni kif ukoll għal sitwazzjoni ta' kontroll. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta wkoll li l-ilment li l-miżuri kontenzjużi ma jippermettux l-inklużjoni ta' kumpannija li sempliċiment taġixxi f'isem IRISL għandu jiġi miċħud bħala infondat, fid-dawl tal-kliem stess tal-kriterju għall-inklużjoni fil-miżuri kontenzjużi. L-interpretazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-kontenut tal-kriterji ma hijiex ivvizzjata bi żball ta' liġi.

40. Għall-bqija, mill-punti 58 *et seq*. tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali applikat, fil-każ konkret li tressaq quddiemha u fil-kundizzjonijiet spjegati fil-punti 42 sa 53 ta' dik is-sentenza, it-test biex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ksur manifestament serju tad-dritt tal-Unjoni. Meta vverifikat jekk il-ksur allegat tal-kundizzjonijiet materjali ta' inklużjoni setax jikkostitwixxi tali ksur, il-Qorti Ġenerali waslet għall-konklużjoni li "[l]-informazzjoni u l-provi invokati mill-Kunsill fil-każ inkwistjoni [kienu] jikkostitwixxu indizji rilevanti, suffiċjentement preċiżi u konkordanti, li jippermettu li jitqies li, fil-kuntest tal-preżenti rikors għad-danni, il-fatt li HTTS kienet "[kienet] [i]kkontrollata u/jew taġixxi f'isem IRISL" jidher li huwa probabbli ħafna"[46]. Għalhekk, għalkemm il-Kunsill irrikonoxxa li ma kellux informazzjoni jew provi fiż-żmien tal-inklużjoni fl-2010 u ma pprovdiex, sa dik id-data, ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li għalihom HTTS kienet ġiet inkluż[47], il-fatt li dawn kienu għad-dispożizzjoni tiegħu wara, *aktarx* iġġustifika l-inklużjoni tal-2010 f'għajnejn il-Qorti Ġenerali, li, għalhekk, eskludiet l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju[48].

46 Ara l-punt 58 tas-sentenza appellata.

47 Fil-fatt, nikkonstata li r-raġunijiet mogħtija fil-miżuri kontenzjużi bħala ġustifikazzjoni għall-inklużjoni huma biss repetizzjoni tal-kriterju ta' inklużjoni nnifsu.

48 Nirrileva li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tal-motivi ta' miżura restrittiva, hija ġurisprudenza stabbilita li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jistax ikun limitat għall-evalwazzjoni tal-plawżibbiltà astratta tal-motivi invokati, iżda jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk dawn il-motivi, jew tal-inqas, wieħed minnhom meqjus suffiċjenti minnu nnifsu sabiex isostni l-imsemmija miżura, humiex issostanzjati: ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Azarov vs Il-Kunsill, (C-530/17 P, EU:C:2018:1031, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41. Dan ir-raġunament huwa affettwat bl-istess żball ta' liġi bħal dak identifikat fil-kuntest tal-ewwel aggravju, ladarba huwa l-estensjoni naturali tiegħu, peress li l-Qorti Ġenerali poġġiet fil-prattika fih dak li kienet qegħda tipprova tiġġustifika qabel mil-lat teoretiku. Għalhekk jien ma nikkunsidrax, kif isostnu l-Kunsill u l-Kummissjoni, li dan huwa sempliċement tentattiv ta' HTTS li tikkritika l-evalwazzjoni tal-fatti li, minbarra l-ipoteżi ta' żnaturament li fil-fatt hija ma invokatx, ma taqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell. Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-kuntest tal-argumenti ddedikati għall-ewwel aggravju, hemm lok li jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali ma poġġietx ruħha fit-temporalità t-tajba, li hija dik tal-aġir allegat. Fi kliem ieħor, u biex nuża metafora medika, għalkemm identifikajt b'mod korrett is-sintomu fl-iżball ta' liġi li jinsab fil-punti 42 *et seq*. tas-sentenza appellata, huwa ċar li l-marda faqqgħet fil-punti 58 *et seq*., b'tali mod li finalment l-analiżi kollha dwar l-identifikazzjoni ta' ksur suffiċjentement serju, f'dan il-każ tal-kundizzjonijiet materjali ta' inklużjoni minħabba nuqqas ta' provi, ġiet infettata.

42. Jiena nikkondividi l-perplessità tal-appellanti għall-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 63 tas-sentenza appellata li "*waqt l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti* fil-listi kontenzjużi […], l-inklużjonijiet tal-ismijiet ta' IRISL, ta' HDSL u ta' SAPID ma kinux għadhom ġew annullati"[49]. B'risposta għal dan l-ilment, il-Qorti Ġenerali rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi invokati mill-appellanti u li seħħew wara l-miżuri kontenzjużi. Għaldaqstant manifestament ma poġġietx lilha nfisha fl-istess żmien li poġġiet lilha nfisha fih sabiex tevalwa l-attitudni tal-Kunsill u l-elementi li huwa invoka. Għal darb'oħra, ċaħdet lill-appellanti dak li hija ppermettiet lill-Kunsill.

43. Jirriżulta għalhekk li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar l-ilment ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-kundizzjonijiet materjali ta' inklużjoni, minħabba l-fatt li l-Kunsill ma kienx stabbilixxa, abbażi ta' provi suffiċjenti, li HTTS kienet taħt il-kontroll ta' IRISL, huwa vvizzjat minn żball ta' liġi. Għalhekk, it-tieni aggravju, għandu jiġi milqugħ.

2. Fuq it-tielet u r-raba' aggravju kkunsidrati flimkien

a) Sunt tal-argumenti tal-partijiet

44. Fil-kuntest tat-tielet u r-raba' aggravju, li għandhom jiġu kkunsidrati flimkien, HTTS essenzjalment issostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma kkunsidratx li l-illegalità li kienet ġiet ikkonstatata għar-Regolament Nru 961/2010 kienet affettwat il-legalità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 minħabba l-fatt li l-appellanti ma kinitx ippreżentat rikors għal annullament kontra dan ir-regolament tal-aħħar. Il-preżunzjoni tal-legalità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 b'hekk stabbilita għandha għalhekk tiġi miċħuda u ma għandux ikun possibbli, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punti 89 u 90 tas-sentenza appellata, li l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jivvizzja r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 jiġi ġġustifikat b'motivi sussegwenti. Min-naħa l-oħra, HTTS ssostni li l-punt 88 tas-sentenza appellata huwa bbażat fuq żball ta' liġi, peress li l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni għandha titqies li tagħti lok għal kumpens. HTTS tfakkar in-natura essenzjali tal-obbligu ta' motivazzjoni u r-rabta li dan għandu mal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill[50]. Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx sempliċement issostni li l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni ma kinitx, b'mod ġenerali, ta' natura li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Unjoni iżda kellha tivverifika, fil-każ konkret li kien tressaq quddiemha, jekk il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kienx wassal għal ksur tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-appellanti li jista' jagħti d-dritt għal kumpens.

49 Korsiv miżjud minni.

50 Sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, (T-384/11, EU:T:2014:986, punti 68 u 69).

45. Il-Kunsill jitlob, essenzjalment, li dawn iż-żewġ aggravji jiġu miċħuda. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat li l-portata tas-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2011, HTTS vs Il-Kunsill [51] kienet limitata biss għar-Regolament Nru 961/2010. Il-Qorti Ġenerali kienet ukoll korretta meta ddeċidiet li kellha tkun HTTS li tiżviluppa, fil-kuntest tar-rikors quddiemha, argument separat biex turi li ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kien jaffettwa wkoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010, ħaġa li hija ma għamlitx. Min-naħa l-oħra, hija ssostni li l-esklużjoni tal-kumpens f'każ ta' insuffiċjenza ta' motivazzjoni hija ġġustifikata mill-funzjoni kumpensatorja limitata tad-dritt għal kumpens għall-preżervazzjoni tal-kapaċità ta' azzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rreferiet biss għal ġurisprudenza stabbilita. HTTS ma wrietx ir-rabta bejn il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u l-ksur eventwali tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tagħha li rriżulta minnu jew għaliex hija kienet prekluża milli teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha. Is-silta mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill [52] li fuqha tibbaża ruħha barra minn hekk ma tirrigwardax lil din il-problema iżda kienet tirrigwarda pjuttost l-istħarriġ tal-fondatezza tal-miżuri restrittivi inkwistjoni f'dak il-każ. Fi kwalunkwe każ, huwa biżżejjed li r-rikorrenti tkun tista' tieħu konjizzjoni tal-motivi fil-kuntest ta' rikors għad-danni.

46. Il-Kummissjoni taqbel, essenzjalment, mal-argument tal-Kunsill.

b) Analiżi

47. Dawn it-tielet u r-raba' aggravju huma diretti kontra l-parti tas-sentenza appellata ddedikata għall-eżami bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-inklużjonijiet kontenzjużi bħala li tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju, billi HTTS tinvoka essenzjalment, għall-finijiet ta' prova tagħha, is-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament Nru 961/2010 f'dak li jirrigwarda lill-appellanti minħabba nuqqas ta' motivazzjoni. L-iżviluppi fil-kuntest ta' dan l-eżami juru wkoll li l-argument tal-appellanti kien jirrigwarda wkoll is-suġġett tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva [53].

48. Fir-rigward tal-ilment dwar il-preżunzjoni tal-legalità tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 668/2010, minħabba l-fatt li HTTS ma ppreżentatx rikors għal annullament tiegħu, effettivament huwa b'mod ġust li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma setgħetx tikkonkludi dwar l-illegalità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 mis-sentenza li permezz tagħha annullat ir-Regolament Nru 961/2010 biss u li kienet ir-responsabbiltà ta' HTTS li turi r-raġunijiet li għalihom, fil-fehma tagħha, l-inklużjoni tagħha fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 668/2010 setgħet tiġi kklassifikata bħala ksur suffiċjentement serju tal-obbligu ta' motivazzjoni li kellu l-Kunsill. Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

49. Sussegwentement, għandu jiġi osservat li l-punt 89 tas-sentenza appellata li "fil-kuntest tal-preżenti rikors għad-danni, il-*legalità* tal-miżura restrittiva inkwistjoni għandha fi kwalunkwe każ tiġi evalwata wkoll fid-dawl ta' motivi sussegwenti, invokati mill-Kunsill fid-Deċiżjoni 2012/35/PESK [54]" [55] tikkostitwixxi manifestazzjoni ulterjuri tal-iżball ta' liġi li wettqet il-Qorti Ġenerali dwar il-premessi tal-analiżi tagħha. Ir-rigorożità terminoloġika li għandha tirregola l-fehim xieraq tal-kunċetti u d-distinzjoni tar-rikorsi twassalni biex nenfasizza li dan il-punt jirrigwarda r-Regolament Nru 961/2010 u li l-kwistjoni tal-legalità tiegħu ġiet deċiża b'mod definittiv f'sentenza tal-Qorti Ġenerali li ddikjarat l-annullament tiegħu f'dak li jikkonċerna lil HTTS. Madankollu, dan il-punt 89 joħloq konfużjoni evidenti u jagħti lil wieħed x'jifhem li l-illegalità kkonstatata fil-kuntest tar-rikors għal annullament tista' tiġi diskussa mill-ġdid fil-kuntest ta' rikors għad-danni. Nittama li wrejt b'mod adegwat li dan ma jistax ikun il-każ. Fi kwalunkwe każ, jidher ċar ukoll li meta evalwat jekk il-ksur

51 T-562/10, EU:T:2011:716.

52 Sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, (T-384/11, EU:T:2014:986, punti 68 u 69).

53 Ara l-punti 74 sa 78 tas-sentenza appellata.

54 Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012, L 19, p. 22).

55 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, HTTS vs Il-Kunsill (T-692/15, EU:T:2017:890). Korsiv miżjud minni.

tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kunsill waqt l-inklużjoni tal-appellanti mir-Regolament Nru 961/2010 kienx jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju, il-Qorti Ġenerali reġgħet ħadet inkunsiderazzjoni, kif ġustament irrilevat HTTS, l-elementi ta' motivazzjoni li seħħew wara l-2010[56], u b'hekk ivvizzjat ir-raġunament tagħha. Peress li dan l-ilment huwa fondat, it-tielet aggravju għandu jiġi milqugħ.

50. Rigward il-kwistjoni tal-esklużjoni sistematika tar-responsabbiltà tal-Unjoni f'każ ta' insuffiċjenza ta' motivazzjoni ta' att, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali stess qieset li l-argumenti mressqa fir-rigward tal-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni minn HTTS setgħu jkunu estiżi fl-invokazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva[57]. Jekk wieħed jassumi li l-ġurisprudenza invokata fil-punt 88 tas-sentenza appellata, li tgħid li "l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni ta' att ma hijiex ta' natura li timplika r-responsabbiltà [mhux kuntrattwali] tal-Unjoni" tapplika bl-istess termini f'każ ta' miżuri restrittivi[58], fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali tidher li ma waqfitx sa din il-konstatazzjoni sabiex tiċħad il-motiv iżda kompliet l-analiżi, kif turi l-kelma "[m]adankollu" fil-punt 89, biex tivverifika, bl-użu ta' metodoloġija fl-opinjoni tiegħi żbaljata, jekk il-motivi mogħtija fl-2012 setgħux jiċċaraw mhux biss għar-rikorrenti iżda wkoll għall-Qorti Ġenerali ir-raġunijiet tal-inklużjoni ta' HTTS u l-kawżi tad-danni allegatament sostnuti. B'hekk, u anki jekk bi spejjeż ta' analiżi minimi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat il-possibbiltà — *quod non* — li l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kien tali li seta' kiser, b'mod serju, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' HTTS. Konsegwentement, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

C. Konklużjoni tal-analiżi

51. Minħabba l-iżball ta' liġi li jivvizzja r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, u li kellu l-effetti tiegħu fuq l-analiżi kollha dwar l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju tal-appell. Barra minn hekk, ma naħsibx li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża għal tliet raġunijiet.

52. L-ewwel nett, kif għadni kif urejt, il-Qorti Ġenerali ma applikatx it-test adatt meta ddeterminat jekk kienx hemm ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għar-riżultat li tikseb analiżi tal-ksur suffiċjentement serju bbażata fuq test korrett, l-applikazzjoni tal-imsemmi test teħtieġ l-evalwazzjoni ta' elementi fattwali relatati mas-sitwazzjoni li kienet teżisti fl-2010 li ma jidhrux li jinsabu fil-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja.

53. It-tieni nett, anki jekk jitqies li l-applikazzjoni tal-imsemmi test twassal għall-konklużjoni li l-ewwel kundizzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni hija ssodisfatta, ikun irid jiġi ddeterminat jekk iż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra humiex issodisfatti wkoll. Issa, kif fakkart iktar 'il fuq[59], peress li l-Qorti Ġenerali waqqfet l-analiżi tagħha sal-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' ksur suffiċjentement serju, hija ma ddeċidietx dwar il-kundizzjonijiet sussegwenti. Barra minn hekk, il-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermettilhiex li tiddeċiedi hija stess dwar dawn il-kwistjonijiet.

56 Ara l-punt 90 tas-sentenza appellata.

57 Ara l-punt 78 tas-sentenza appellata.

58 Il-kwistjoni tista' tqum, fil-fatt, minħabba n-natura individwali u l-konsegwenzi sinjifikattivi li dawn jista' jkollhom fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati [ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 40)]. Il-kwistjoni dwar jekk il-ġurisprudenza żviluppata fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti regolatorji hijiex immedjatament applikabbli għall-miżuri restrittivi, li ma hijiex direttament mqajma fil-kuntest ta' dan l-appell, ma jidhirlix li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-unika sentenza disponibbli hija s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2007, Sison vs Il-Kunsill (T-47/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:207, punt 238).

59 Ara l-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54. Fl-aħħar nett, anki jekk din id-darba jiġi preżunt li l-kundizzjonijiet kollha sabiex ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tiġi stabbilita huma ssodisfatti, ikun jonqos li jiġi stabbilit l-ammont ta' kumpens għad-dannu/danni u/jew li tittieħed pożizzjoni dwar l-argument imqajjem mill-Kunsill dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni għal kumpens, argument li ma ġiex indirizzat mill-Qorti Ġenerali u għalhekk ma setax jiġi diskuss bejn il-partijiet matul il-proċedura tal-appell.

55. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, u mingħajr ħsara għad-deċiżjoni li l-Qorti Ġenerali ser tasal għaliha wara analiżi ħielsa minn kull żball ta' liġi dwar l-ewwel waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

V. Fuq l-ispejjeż

56. Peress li, skont l-analiżi tiegħi, il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok, konsegwentement, li l-ispejjeż jiġu rriżervati skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dak ir-Regolament.

VI. Konklużjoni

57. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Diċembru 2017, HTTS vs Il-Kunsill (T-692/15, EU:T:2017:890), hija annullata.

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.